



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11991/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0322(COD)

FSTR 168
FC 85
REGIO 252
SOC 621
AGRISTR 90
PECHE 323
CADREFIN 336
POLGEN 175

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ottubru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 648 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tal-aġġustament tal-prefinanzjament annwali għas-snin 2021-2023

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 648 final.

Mehmuż: COM(2020) 648 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.10.2020
COM(2020) 648 final

2018/0322 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tal-aġġustament tal-prefinanzjament annwali għas-snin 2021-2023

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tal-aġġustament tal-prefinanzjament annwali għas-snin 2021-2023

1. SFOND

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2018)614 final-2018/0322 (COD)): 07/09/2018

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: 04/04/2019

Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: 07/10/2020

2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni kien li tnaqqas il-livelli ta' prefinanzjament annwali għal 1 % mit-3 % attwali għas-snin 2021-2023 għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-proposta kellha l-għan li żżid it-trasparenza u tikkontribwixxi għall-prevedibbiltà tal-ippjanar baġitarju u għal profil tal-pagamenti aktar stabbli u prevedibbli. It-tnaqqis ġie propost għall-aħħar tliet snin tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali (is-snin 2021-2023), li jikkoinċidi mal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss li jibda fl-2021. Dan l-approċċ ikkunsidra wkoll il-ħtiġijiet ta' pagamenti li joriġinaw minn arranġamenti ta' prefinanzjament proposti għall-programmi ta' bejn l-2021 u l-2027 fejn il-prefinanzjament inizjali biss jitħallas f'sitt ħlasijiet parzjali.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONIJIET TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U TAL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Il-KESE (relatur: Is-Sur Doz Orrit) adotta l-opinjoni tiegħu fil-Plenarja tat-23 u l-24 ta' Jannar 2019, li tiċħad il-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni żammet il-proposta oriġinali tagħha f'dak l-istadju. Il-Kumitat tar-Reġjuni ma ħariġx opinjoni.

4. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019. Il-Parlament ippreżenta emenda waħda li għandha l-għan li tnaqqas il-livelli ta' prefinanzjament annwali għas-snin 2021-2023 għal 2 %, minflok ma naqqashom għal 1 % kif propost mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni żammet il-proposta oriġinali tagħha f'dak l-istadju.

5. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill, ibbażata fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020, tirrifletti l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.

L-unika emenda tal-Kunsill tnaqqas il-livelli ta' prefinanzjament annwali għas-snin 2021-

2023 għal 2 %, minflok ma tnaqqashom għal 1 % kif propost. Is-servizzi tal-Kummissjoni għenu fil-kalkoli li wasslu għall-konklużjonijiet milħuqa fil-Kunsill Ewropew u r-rata miftiehma tqieset bħala fattibbli.

6. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-bidliet li saru mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.